MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 602/2004

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance office plc**
**vs**

**Robert Jones (K.I. Nru. 0508246M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm558.86) rapprezentanti ammont ekwivalenti li l-attur noe kien gie kostrett li jhallas lil GasanMamo Insurance Agency Limited taht il-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta in segwitu ta' sentenza tad-19 ta' Frar 2003 (Small Claims Tribunal Avviz 2710/02 PM) a bazi ta' polza ta' assikurazzjoni li l-konvenut kellu mal-attur noe liema polza huwa naqas li jonora nonostante diversi interpellanzi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-6 ta' Novembru 2003 (Dok A) ta' l-ittra ufficcjali datata 6 ta' Jannar 2004 (Dok B) u bl-imghaxijiet legali dekorribbli sal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' hames mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm558.86) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficjali u bl-ispejjez ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------